MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 214/2010

**Godwin Navarro**

**-vs-**

**G.T. Shirts Co. Limited, Alfred Testa u għal kull interess li jista' jkollha martu Sylvana Testa**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2010 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi r-rikorrenti biegħ u kkonsenja merċi lis-soċjeta' intimata li għalihom, peress illi ħallset bin-nifs, inħarġu serje ta' kambjali.

Illi mill-kambjala, li kopja tagħha hija hawn annessa u debitament aċċettata mis-soċjeta' intimata, u avallata mill-intimat l-ieħor Alfred Testa, hija għad baqagħlha tħallas lir-

rikorrenti s-somma ta’ €8,444.91, apparti l-imgħax, kalkolabbli bir-rata ta’ 8% mid-data tal-iskadenza tagħha, u ċjoe’ mill-24 ta’ Lulju 2007 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi mitluba jħallsu l-imsemmi ammont, anke b’ittra legali tat-18 ta’ Settembru 2009, l-intimati baqgħu ma ħallsu xejn.

Illi dan id-debitu huwa ċert likwidu u dovut u fl-opinjoni tar-rikorrenti l-intimati m’għandhomx eċċezzjonijiet x’jagħtu u għalhekk il-kawża tista’ tiġi deċiża *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex dina l-Qorti m’għandhiex (1) taqta’ u tiddeċiedi l-kawża *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta’ Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili, u ċjoe’ bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża u (2) tikkundanna lill-intimati sabiex solidalment bejniethom iħallsu s-somma ta’ tnax-il elf sitt mija seba’ u disgħin Euro u tlettax-il ċenteżmu (€12,697.13) in kwantu għal € 8,444.91 rappreżentanti l-bilanċ tal-import tal-kambjala fuq imsemmija u kwantu għal €4,252.22 rappreżentanti l-imgħax skadut mid-data tal-maturazzjoni tagħha sat-28 ta’ Frar 2010 – kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-imgħax ulterjuri kalkolat mill-1 ta’ Marzu 2010 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra legali tat-18 ta’ Settembru 2009 kontra l-intimati li minn issa jibqgħu nġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tat-30 ta’ April 2010 li permezz tiegħu l-konvenuti ġew awtoriżżati jippreżentaw risposta ġuramentata;

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta’ konvenuta u l-konvenuti Testa, ippreżentata fl-20 ta’ Mejju 2010, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talbiet għandhom jiġu miċħuda u dana peress li l-azzjoni tal-attur ma' hijiex ibbażata biss fuq l-azzjoni kambjarja, iżda *si tratta* ta' bilanċ dovut minn somma akbar li għalih kienet inħarġet kambjala. Illi għalhekk l-Qorti m'għandhiex erronjament taqbad u tikklassifika l-azzjoni bħala waħda naxxenti minn kambjala iżda għandha tissindika jekk il-bilanċ hux dovut kif qed jgħid l-attur. Illi l-esponenti jeċċepixxu li l-bilanċ mhux dovut *stante* li l-attur naqas milli jiddeduċi ammont ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) hekk kif kien miftiehem minħabba merkanżija difetuża. Illi għalhekk t-talba għall-ħlas tal-bilanċ għandha b'kull rispett tiġi miċħuda;

2. Illi t-talba għal ħlas tal-imgħax, li wkoll bid-dovut rispett m'għandha x'taqsam xejn mal-azzjoni kambjarja, għandha tiġi miċħuda u dan minħabba (i) illi l-partijiet kellhom ftehim li kwantu għall-ewwel tlettax-il xahar kreditu ma jiddekorrix imgħax, ħaġa li l-attur sussegwentament ma rrispettax; (ii) illi l-attur ikalkola l-imgħax anke fuq is-somma tat-tlett elef lira Maltija (Lm3,000) meta dan l-ammont kellu jkun dedott u (iii) l-imgħax mitlub ma jiddekorrix mid-data tal-iskadenza tal-kambjala, iżda minn data qabel;

3. Illi mingħajr preġudizzju l-merkanzija mibjugħa kienet difettuża u għal dan il-għan l-eċċipjenti jikkontendu li b'sens ta' ġustizzja m'għandhomx iħallsu ta' oġġett li huwa difettuż. Għal dan il-għan, l-eċċipjenti qegħdin kontestwalment ma' din ir-risposta jintavolaw rikors ġuramentat/ċitazzjoni – sabiex tingħata fost talbiet oħra dikjarazzjoni li l-merkanzija kienet difettuża, u per konsegwenza ser jintalab li fil-proċeduri fl-ismijiet hawn fuq premessi l-Qorti tissoprasjedi sakemm ikun hemm deċizjoni tal-kawża preżentata kif ingħad kontestwalment fuq dina l-kwistjoni ta' bejn il-partijiet.

4. Illi fir-rigward tal-konvenuta Sylvana Testa, din għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u *stante* illi t-tranżazzjoni odjerna saret mingħajr l-għarfien jew il-kunsens tagħha u għaldaqstant hija qatt ma assumiet ebda responsabbilita' personali in konnessjoni mal-kambjala *de quo.*

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2011 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Ikkunsidrat;

Illi din hija palesament azzjoni kambjarja u għalhekk regolata mill-Artikolu 223 *et sequitur* tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Għalhekk *nonostante* dak li jgħidu l-konvenuti fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, il-kawża għandha tiġi trattata bħala tali. Il-konvenuta qed teċċepixxi li għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex ma kellha x'taqsam xejn man-negozju ġuridiku in kwistjoni filwaqt li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u s-soċjeta' konvenuta jirrigwardjaw tlett kwistjonijiet; li l-imgħax m'għandux jiġi komputat kif qed jikkomputah l-attur fir-rikors promotur; li l-attur kien aċċetta riduzzjoni fl-ammont li kellu jieħu u li l-import tal-kambjala kien jirrappreżenta l-ammont dovut ghal merċe li l-attur kien biegħ lill-konvenuti imsemmija.

Illi kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"George Zahra vs Alfred Borg"** deċiża fit-28 ta' April 1995:

*"Hu għalhekk li l-Qrati dejjem irritenew illi fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eċċezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjala in kwistjoni in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wiċċ tagħha monka f'xi waħda mill-elementi kostituttivi essenzjali tagħha kif trid il-liġi."*

Illi l-Qorti f'dik il-kawża ċċitat ukoll is-sentenza riportata fil-Volum XXIX- Pt I. paġna 1136 fejn intqal:

*“Meta f’kawża għall-ħlas ta’ somma li tirriżulta minn kambjala jingħataw eċċezzjonijiet ta’ natura tali li ma tistax titwaqqaf il-kawża u l-likwidazzjoni tal-kontijiet bejn il-partijiet tieħu ż-żmien, il-konvenut ma jistax jirrifjuta li jħallas pero’ l-Qorti tista’ tagħmel favur tiegħu riserva tad-drittijiet fis-sens li timponi fuq lill-attur obbligazzjoni munita b’garanzija jew li skond id-diskrezzjoni tagħha li jirrestitwixxi dak li f’kawża li jagħmel apposta l-konvenut jirriżulta li dan ikun ħallas iż-żejjed.”*

Illi fil-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Ġunju 2010, il-partijiet qablu li ma kien hemm ebda difett fil-kambjala u għalhekk il-kwistjonijiet rigwardanti d-difett fil-merkanzija li xtraw l-konvenuti mingħand l-attur huma rrilevanti għal din il-kawża. Jirriżulta nfatti li hemm kawża oħra f’dan ir-rigward. Kwantu għal xi ftehim li l-attur aċċetta tnaqqis fl-ammont dovut, dan ma ġiex sodisfaċentement pruvat fir-rigward tal-kambjala in kwistjoni għalkemm seta’ kien hemm xi ftehim fuq ammonti dovuti li żgur kienu akbar f’ċertu żmien.

Illi jibqa’ għalhekk il-kwistjoni tal-imgħaxijiet iżda għal din hemm soluzzjoni faċli. Infatti ma hemmx kontestazzjoni li bilanċ fl-ammont ta’ €8,444.91 huwa dovut u lanqas li l-kambjala skadiet fl-24 ta’ Lulju 2007. Kwindi l-Qorti ma għandhiex għalfejn tikkomputa imgħaxijiet u tindikahom fis-sentenza tagħha, għaliex l-imghax ta’ tmienja fil-mija huwa dovut **minn dik id-data sa meta jsir il-ħlas**.

Illi fir-rigward tal-konvenuta, tidher ġustifikata l-eċċezzjoni tagħha li tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju peress li l-obbligazzjoni naxxenti mill-kambjala saret fil-kors tal-attivita’ kummerċjali ġestita mill-konvenut. (Artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili).

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba *stante* d-digriet tat-30 ta’ April 2010 fuq imsemmi, tillibera lill-konvenuta Sylvana Testa mill-osservanza tal-ġudizzju, iżda tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti u għalhekk tilqa’ t-talba tal-attur, u dan billi tikkundanna lill-konvenut Alfred Testa u lis-soċjeta’ konvenuta jħallsu**

**s-somma ta’ tmient elef, erba’ mija u erbgħa u erbgħin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€8,444.91) lill-attur, bl-imgħaxjiet kummerċjali legali mid-data tal-iskadenza tal-kambjali, u ċjoe’ l-24 ta’ Lulju 2007, sad-data tal-ħlas.**

**Spejjeż tal-kawża jkun a kariku tal-konvenuti ikkundannati għall-ħlas**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------